MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 200/2007

**Joseph Vella**

**vs**

**Maria Abela u b'digriet tat-13 ta' Mejju 2008 giet kjamata in kawza Emanuela Vella.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Vella datat 22 ta' Frar 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Antonio Galea tat-22 ta' Dicembru 1949 l-esponenti u ohtu l-intimata u ohrajn kienu ghamlu kuntratt ta' divizjoni ta' varji porzjonijiet ta' raba' li wirtu minghand il-genituri taghhom fosthom anke r-raba' li kien gie mholli lilhom bi qbiela (Dokument "A").

Illi parti minn din ir-raba’ kienet tikkonsisti f’tomnejn raba’ xaghri li qieghed hdejn l-Gharix fi Gnien Ingraw ta’ kejl ta’ cirka tomnejn u li hija ndikata bl-ahmar fuq il-pjanti u mmarkata bhala Dokument “B”.

Illi skont l-imsemmi kuntratt ta’ divizjoni gie miftihem illi dan ir-raba’ jibqa’ f’idejn l-intimata bhala kumpens tal-fatt li hi u zewgha kellhom jigbru c-cnus u qbejjel kollha tar-raba’ diviza biex imbaghad ihallsuhom lil min ghandhom jithallsu izda fil-fatt la l-intimata u lanqas l-allura zewgha qatt ma gabru l-imsemmija cnus u qbiela u hallsuhom kif patwit u konsegwentement huma kisru l-obbligazzjoni fuqhom imposta u ghalhekk l-intimata m’ghandiex dritt li tiddetjeni l-imsemmija raba’ bhala kumpens u dan ifisser bhala konsegwenza illi r-raba’ fuq imsemmi ghandu jitqies bhala mhux diviz bejn l-ahwa Vella.

Illi l-intimata interpellata permezz ta’ ittra ufficjali tad-29 ta’ Novembru 2006 baqghet inadempjenti.

Illi *inoltre*, kien hemm bicca raba’ ohra fl-istess inhawi formanti mill-istess qbiela (immarkata bil-blu fuq il-pjanta Dok “B”) illi l-kondividenti halluha mhux diviza izda l-intimata qieghda tikkontendi li din tappartjeni lilha wahedha, liema pretensjoni hija kontestata mill-esponenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-intimata u precedentement zewgha, kisru l-obbligazzjoni fuqhom imposta fil-kuntratt ta’ divizjoni fuq imsemmi billi ma gabrux ic-cnus u l-qbejjel tar-raba’ diviza u ma hallsuhomx lil min kienu dovuti.

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-porzjoni raba’ xaghri li qieghed hdejn l-Gharix fi Gnien Ingraw ta’ kejl ta’ cirka tomnejn li hija ndikata bl-ahmar fuq il-pjanta Dokument “B” ghadha in komun u li ghalhekk ir-rikorrenti ghandu sehem indiviz mill-istess raba’.

3. Tiddikjara u tikkonferma li porzjoni ohra raba' immarkata bil-*blue* fuq il-pjanta annessa bhala Dok "B" ghadha in komun u ma tappartjeniex esklussivament lill-intimata.

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol 61 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-27 ta' Novembru 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mary Abela datata 18 ta' Jannar 2008 a fol 79 tal-process a fol. 79 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament in-nuqqqas ta' integrita ta' gudizzju peress illi l-attur naqas li jharrek il-komparenti kollha li dehru fuq il-kuntratt ta' divizjoni Dok "A".

2. Illi minghajr pregudizzju ghal permess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi huma nfondati formalment u legalment kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smigh ta' din il-kawza.

3. Illi n-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-attur fir-rigward tal-ewwel talba tieghu, u kif ukoll tat-tieni talba.

4. Illi minghajr pregudizzju ghar-risposta precedenti l-konvenuta u zewgha dejjem agixxew in adempjement ta' li onoraw il-partijiet tad-divizjoni Dok "A".

5. Illi ghar-rigward t-tlieta talba l-attur huwa korrett li jghid li l-eccepjenta qed tippretendi li l-porzjon art immarkata bil-blu tappartjeni lilha, liema pretensjoni ilha fis-sehh sa mid-data tal- precitat kuntratt cioe` 22 ta' Dicembru 1949 b'mod mhux interrott u minghajr opposizzjoni ta' hadd, u kwindi ghal din ir-raguni biss kif annessa mill-istess attur ghandha tigi respinta.

6. B’ riserva kontra l-attur minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut fol. 80 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta’ Mejju 2008 fejn Dr. Raphael Fenech Adami ghall-konvenuta ddikjara li jirrimetti ruhu ghar-rikors tal-attur tal-25 ta’ Frar 2008. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kjamat in kawza ta’ Emanuela Vella bl-spejjez provizorjament attrici. Il-kawza giet differita ghan-notifika tal-kjamata in kawza u l-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ian Vella Galea sabiex kif jinghalqu l-provi bil-miktub jisma’ l-provi kollha u jirrelata, u l-kawza giet differita ghar-rapport; u tat-24 ta’ Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Peter Borg Costanzi ghall-attur u l-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea li halef ir-rapport. Dr. Raphael Adami msejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Dr. Peter Borg Costanzi talab jaghmel nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti tat erbghin (40) gurnata lill-attur ghan-nota bin-notifika/*visto* lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha li jkollhom erbghin (40) gurnata ghan-nota responsiva, b’dan li t-terminu ma jigix estiz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2010.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea pprezentat fil-5 ta’ Mejju 2010 u mahluf fis-seduta tal-24 ta’ Gunju 2010 (fol 118).

Rat il-verbali tas-seduta kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob li r-raba' xghari ta' Gnien Ingraw il-Mellieha ta' circa tomnejn mmarkata bl-ahmar fil-pjanta a fol. 75 (Dok. "B") tal-process deskritta fir-rikors guramentat tirriverti lura lill-eredi stante li bil-kuntratt ta' divizjoni datat 22 ta' Dicembru 1949 (Dok. "A") din thalliet lill-intimata Maria Abela li kellha tigbor il-qbiela u c-cnus kollha minghand hutha u wara thallashom lil min kienu dovuti u dan ma ghamlitux. La dan ma sarx ir-rikorrenti sostna li hallas huwa direttament il-qbiela u c-cnus lis-sidien. Intalab ukoll li bicca raba' ohra fl-istess inhawi formanti parti mill-istess qbiela u mmarkata bil-blu fuq il-pjanta (Dok. "B") tigi ddikjarata li hija posseduta indivizament u ma hijiex proprjeta' tal-intimata kif jidher li din qed tipprettendi.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimata hija fis-sens li n-nuqqas ta' integrita ta' gudizzju peress illi l-attur naqas li jharrek il-komparenti kollha li dehru fuq il-kuntratt ta' divizjoni Dok. "A".

Illi minhabba dan ir-rikorrent talab tigi kjamata in kawza Emanuela Vella li dehret fuq il-kuntratt ta' divizjoni Dok. "A" pero' sussegwentement din mietet fil-mori tal-kawza u jirrizulta li tali talba giet irtirtata mir-rikorrent fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2009, u ghalhekk din il-Qorti b'din is-senetenza qed tirrevoka *"contrario imperio"* d-digriet taghha fejn ordant il-kjamata fil-kawza tal-istess.

Illi jirrizulta li l-kondividenti kienu jikkonsistu wkoll fl-imsemmija Emmanuela Vella, Rose Vella li mietet in kwantu l-kondividenti l-ohra Rose Vella mietet xebba u l-wirt taghha waqa' fuq hutha l-ohra, u cioe' l-partijiet fil-kawza u u Giuseppa Vella.

Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **"Highrise Company Limited vs Vincent Busuttil f'ismu proprju u ezercenti n-negozju fl-isem 'Horizon 2000'"** (P.A. (RCP) - 13 ta' Gunju 2001) qalet hekk:

*"Ir-ragion d'essere ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju tistrieh fuq tlett konsiderazzjonijiet principali: l-ewwel wahda hija li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati; it-tieni, sabiex tigi assikurata kemm jista' jkun l-effikacita` tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipaw fl-istess gudizzju; u t-tielet biex jigi rispettat il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzji, sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha nteressati f'diversi kawzi, billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jigu vinkolati, biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha. Li l-gudizzju jkun integru ghalhekk, jinteressa principalment lill-attur aktar mill-konvenut, in kwantu dan, bl-eccezzjoni msemmija, ghandu biss l-ewwel raguni li tiggustifikah, billi d-difiza tieghu tista' tigi ppregudikata minn certi veritajiet u certi ragunijiet, li jiddependu mill-presenza ta' persuni ohra bhala partijiet fil-kawza."*

*"Inoltre` jinghad ukoll li llum il-gurisprudenza hija kostanti li meta jkun hemm komproprjetarji ma hemmx bzonn li jkun hemm fil-kawza l-komproprjetarji kollha – bizzejjed jekk tigi istitwita* minn wiehed" **("John Grech vs Guza Cremona"** – deciza 29 ta' Marzu 1985, Vol LXIX.II.191).

Illi mbaghad fis-sentenza **"Marthese Briffa vs Victor Attard"** (P.A. (JRM) – 27 ta' Novembru 2003) inghad *"illi, madankollu, wara li ntghamlet il-precizazzjoni mehtiega dwar l-importanza ta' l-eccezzjoni fin-natura taghha ... il-Qorti ma jidhrilhiex li l-eccezzjoni taht ezami hija misthoqqa. Dan jinghad ghaliex is-siwi tal-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju jrid tabilfors jitqies fil-qafas tan-natura tal-azzjoni li fiha titqajjem dik l-eccezzjoni."*

Illi in vista tat-taghlim suespost u tan-natura tat-talbiet tar-rikorrent fil-kaz in ezami, l-kjamata in kawza tal-komparenti l-ohra fuq il-kuntratt ta' divizjoni ma hijiex necessarja sabiex il-gudizzju jkun integru. Ghaldaqstant, din l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimata qed tigi michuda.

Illi it-tieni eccezzjoni tal-intimata hija fis-sens li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi huma nfondati fattwalment u legalment kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh ta' din il-kawza.

Illi r-rikorrent sostna fir-rikors guramentat illi *"la l-intimata u lanqas l-allura zewgha qatt ma gabru l-imsemmija cnus u qbiela u hallsuhom kif patwit u konsegwentement huma kisru l-obbligazzjoni fuqhom imposta u ghalhekk l-intimata m'ghandiex dritt li tiddetjeni l-imsemmija raba' bhala kumpens"* u ghalhekk konsegwentement ir-rikorrent talab dikjarazzjoni illi l-intimata u zewgha kisru l-obbligazzjoni imposta fuqhom illi jigbru c-cnus u l-qbejjel u ma hallsuhomx lil min kienu dovuti u dikjarazzjoni li l-porzjon raba' ndikata bl-ahmar fuq il-pjanta Dok. "B" ghadha in komun u li ghalhekk ir-rikorrenti ghandu sehem indiviz mill-istess raba'.

Illi l-klawsoli in kwistjoni tal-kuntratt ta' divizjoni Dok. "A" huma s-segwenti:-

*"Jigi miftiehem li c-cnus u qbejjel li kien solitu jigbor Vittorio Vella, missier il-kondividenti, ghandu millum 'il quddiem jigborhom il-komparenti Giovanni Abela, biex imbaghad ihallashom hu stess lil min dovuti".*

*Omissis*

*"Jigi miftiehem li bicca raba xaghri bi qbiela li qieghed hdejn l-gharix fi Gnien Ingraw tal-kejl ta' circa tomnejn ghandha tibqa' f'idejn l-imsemmija Maria Abela u zewgha Giovanni Abela, bhala hlas tal-inkomodi tieghu biex jigbor ic-cnus u qbejjel kif fuq inghad."*

Illi qabel xejn irid jinghad illi l-obbligazzjoni tal-gbir tac-cnus u l-qbejjel kienet imposta fuq Giovanni Abela wahdu u mhux fuqu u l-intimata, kif allegat mir-rikorrent. Mix-xhieda moghtija mir-rikorrent u t-tfal tieghu jirrizulta illi c-cnus u l-qbejjel la gew migbura minn Giovanni Abela u lanqas mill-intimata.

Illi fid-dawl ta’ dan jidher li r-rikorrent qed jinterpreta dawn il-klawsoli hawn fuq ikkwotati fis-sens illi gia la darba Giovanni Abela naqas milli jigbor ic-cnus u l-qbejjel u li jhallashom lil min huma dovuti dan konsegwentement ifisser illi l-intimata u zewgha tilfu d-dritt li jiddetjenu r-raba ndikata fl-istess klawsoli. Din il-Qorti, bhal perit legali, ma taqbilx ma’ din l-interpretazzjoni ta’ dawn iz-zewg klawsoli u dan ghaliex ir-raba` ma giex moghti lilhom bil-kundizzjoni li huma jitilfu l-jedd li jiddetjenu l-istess f’kaz li Giovanni Abela jonqos mill-obbligu tieghu illi jigbor ic-cnus u l-qbejjel u li jhallashom lil min huma dovuti, izda gie miftiehem li din l-istess raba`, *“ghandha tibqa’ f’idejn l-imsemmija Maria Abela u zewgha Giovanni Abela, bhala hlas tal-inkomodi tieghu biex jigbor ic-cnus u qbejjel kif fuq inghad.”*

Illi ghalhekk, ghalkemm gie ppruvat illi zewg l-intimata naqas minn dak minnu rikjest ai termini tal-kuntratt ta’ divizjoni Dok. “A” ma jirrizultax mill-ftehim illi dan in-nuqqas kellu jissarraf fit-telf tad-drittijiet u l-jeddijiet akkwistati mill-intimata u zewgha fuq ir-raba` in kwistjoni u dan apparti li tali gbir kellu jsir minn Giovanni Abela li lanqas huwa parti fil-kawza. Ghalhekk, din it-tieni eccezzjoni ta’ l-intimata ghandha tigi milqugha fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent.

Illi saret riferenza fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur ghall-kuncett ta’ *patto commissario tacito*, izda jinghad li fl-ewwel lok hawn si tratta ta’ relazzjoni civili u mhux kummercjali u kif inghad fis-sentenza **“Location Malta Limited vs JennY Adams”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ Novembru 2007”) huwa wkoll car li biex ikun hemm l-eccezzjoni *inadempleti contractus* jehtieg illi l-kaz ikun jikkoncerna obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontraenti radikata fl-istess rapport sinallagmatiku bejniethom u jehtieg li meqjusa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-gudikant jara li jkun hemm certa proporzjoni bejn l-inadempjenza attribwita bi htija ta’ l-attur u dik rifjutata mill-konvenut. Jehtieg li l-inadempjenza ta’ l-attur tkun imputabbli lilu u li inoltre, relattivament ghall-prestazzjoni hu jezigi minn ghand il-konvenut li tkun ta’ certa gravita’ **(“E.Aqulina vs S.Aquilina et”** - 12 ta’ Marzu 1965 - Vol

XLIX.518). Mic-cirkostanzi odjerni jidher li dan ma huwiex il-kaz, apparti l-fatt li kull obbligu li seta` kien hemm ma kienx impost fuq l-intimata mharrka f'din il-kawza. Jista' jkun li l-attur ghandu rimedji ohra izda dan ma huwiex il-mertu ta' din il-kawza.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni jinghad li l-obbligu msemmi mir-rikorrenti lanqas kien impost fuq l-intimata u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar l-ewwel zewg talbiet attrici hemm ukoll it-tielet eccezzjoni tal-intimata fis sens da parte tal-attur hemm in-nuqqas ta' interess guridiku. Dwar l-istess jinghad li fil-kawza fl-ismijiet **"Pace Cecil pro et noe vs Bonello Emanuel pro et noe"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet li:-

*"Huwa risaput li sabiex persuna tirradika d-dritt li tistwitwixxi proceduri gudizzjarji kontra terz trid qabel xejn turi l-interess guridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq. Fl-assenza ta' dan ir-rekwizit ma jistax jinghad li l-attur ikollu interess li jistitwixxi dik l-azzjoni u bhala konsegwenza l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu jigi ritenut bhala mhux il-legittimu kontradittur."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Improved Design Limited vs Antoine Grima"** (P.A. – 4 ta' Marzu 2004) intqal:-

*"L-interess guridiku f'attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk, dan igib mieghu l-konsegwenzali l-ewwel u l-aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew li tigi msewwija ingustizzja maghmula fil-konfront taghha".*

*"Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita' u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd, b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treggi ..."*

*"Minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza."*

Illi mic-cirkostanzi tal-kaz u mill-provi prodotti ma jistax jinghad illi r-rikorrent m'ghandux interess guridiku li jistitwixxi l-kawza odjerna fil-konfront ta' l-intimata jew xi wahda mit-talbiet minnu maghmula. Ghalhekk din it-tielet eccezzjoni tal-intimata qed tigi wkoll michuda.

Illi r-rikorrent xehed illi l-kondividenti fuq il-kuntratt ta' divizjoni Dok. "A" hallew ir-raba' immarkata bil-blu fuq il-pjanta Dok. "B" bhala indiviza bejniethom peress illi hija qrib il-bini u ghalhekk riedu jistennew sabiex jaraw tkunx tajba ghall-izvilupp, ghalkemm qal ukoll illi l-intimata qieghda tikkontendi li din ir-raba' tappartjeni lilha biss. Ir-rikorrent talab ghalhekk li jigi ddikjarat illi tali raba' ghadu in komun.

Illi jirrizulta illi fil-kuntratt ta' divizjoni Dok. "A" tali raba' mmarkata bil-blu fuq il-pjanta Dok. "B" giet imhollija bhala indiviza bejn il-kondividenti. L-intimata ma ressqet l-ebda prova kuntrarja. Ghaldaqstant, din it-tieni eccezzjoni ta' l-intimata qed tigi michuda fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrent.

Illi fil-hames eccezzjoni tal-intimata hija fis-sens li hija tikkontendi li huwa minnu fil-kuntest tat-tielet talba li l-attur jghid li l-intimata qed tippretendi li l-porzjon art immarkata bil-blu tappartjeni lilha, liema pretensjoni ilha fis-sehh sa mid-data tal-precitat kuntratt, cioe' 22 ta' Dicembru 1949, b'mod mhux interrot u minghajr opposizzjoni ta' hadd u kwindi ghal din ir-raguni biss kif

ammess mill-istess attur it-talba tieghu f'dan ir-rigward ghandha tigi respinta; izda min naha l-ohra l-intimata ma ressqet l-ebda prova in sostenn tal-istess u ghalhekk ma giex ippruvat illi l-porzjon ta' raba' mmarkata bil-blu fuq Dok. "B" tappartjeni lilha sa mid-data tal-kuntratt ta' divizjoni Dok. "A" b'mod interrot u minghajr opposizzjoni ta' hadd. Fil-fatt diga' nghad illi jirrizulta li fil-kuntratt ta' divizjoni Dok. "A" li tali raba' mmarkata bil-blu fuq il-pjanta Dok. B giet imhollija bhala indiviza bejn il-kondividenti. Ghalhekk il-hames eccezzjoni tal-intimata qed tigi michuda.

Illi ghalhekk, fil-waqt li qed jigu michuda l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata, hlief ghat-t-tieni wahda limitatament fil-konfront tal-ewwel u t-tieni talba attrici ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tichad l-ewwel talba attrici kif imposta u t-tieni talba attrici izda tilqa' t-tielet talba attrici ghar-ragunijiet hawn decizi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata, hlief ghat-tieni wahda limitatament fil-konfront tal-ewwel u t-tieni talba attrici, **tichad ghalhekk l-ewwel talba attrici kif imposta u t-tieni talba attrici, u tilqa' t-tielet talba attrici** b'dan illi:-

3. Tiddikjara u tikkonferma li porzjoni ohra raba' immarkata bil-blu fuq il-pjanta annessa bhala Dok "B" ghadha in komun, u ma tappartjeniex esklussivament lill-intimata.

Illi l-ispejjez jithallsu kwantu ghall-zewg terzi mill-attur u terz mill-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------